# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Ottubru 2007 *

Fil-Kawża C-98/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikoli 68 KE u 234 KE, imressqa mill-Högsta domstolen (l-Iżvezja), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Frar 2006, fil-proċedura

**Freeport plc**

vs

**Olle Arnoldsson,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, U. Lõhmus, J. Klučka (Relatur), P. Lindh u A. Arabadjiev, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Iżvediż.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: R. Grass,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Freeport plc, minn M. Tagaeus u C. Björndal, advokater,

— għal O. Arnoldsson, minn A. Bengtsson, advokat,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn L. Parpala, V. Bottka u A.-M. Rouchaud-Joët, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2001, L 12, p. 1).

2 Din id-domanda ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Britannika Freeport plc (iktar 'il quddiem "Freeport") u Olle Arnoldsson, li fittex lil din il-kumpannija quddiem qorti differenti minn dik ta' fejn hija stabbilita.

## Il-kuntest ġuridiku

3 It-tieni, il-ħdax, it-tnax u l-ħmistax-il premessa tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdu:

"(2) Ċerti differenzi bejn regoli nazzjonali li jirregolaw il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent ta' sentenzi jfixklu l-operat tajjeb tas-suq intern. Dispożizzjonijiet biex jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali u sabiex jħaffu l-formalitajiet bl-iskop ta' għarfien [u eżekuzzjoni] malajr u sempliċi [...] ta' sentenzi minn Stati Membri marbuta b'dan ir-Regolament huma essenzali.

[...]

(11) Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u [din il-]ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti. [...]

(12) B'żieda mad-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm bażi alternattiva ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

[...]

(15) Fl-interessi ta' l-amministrazzjoni armonizzata tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibbiltà ta' proċedimenti simultanji u biex ikun assigurat li ma jiġux mogħtija ġudizzji rrikonċiljabbli f'żewġt Istati Membri. [...]"

4 L-Artikolu 2(1) tar-Regolament imsemmi, li jinsab fis-Sezzjoni I tal-Kapitolu II, taħt it-titolu "Dispożizzjonijiet ġenerali", jipprovdi:

"Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta' dak l-Istat Membru."

5 Skond l-Artikolu 3 ta' l-istess Regolament, li wkoll jagħmel parti mis-Sezzjoni I tal-Kapitolu II:

"1. Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f'Sezzjonijiet 2 sa 7 ta' dan il-Kapitolu.

2. B'mod partikolari r-regoli ta' ġurisdizzjoni nazzjonali mniżżla fl-Anness I ma japplikawx kontra tagħhom."

6 L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, li jinsab fis-Sezzjoni 2 ta' l-istess Kapitolu II, intitolata "Ġurisdizzjoni speċjali" jipprovdi, li persuna domiċiljata fi Stat Membru tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tkun imfittxija fi Stat Membru ieħor.

7 Minbarra dan, l-Artikolu 6(1) u (2) ta' l-istess Regolament, li wkoll jagħmel parti mill-imsemmija Sezzjoni 2, jipprovdi:

"Persuna li tkun domiċiljata fi Stat Membru tista' wkoll tiġi mfittxija:

1) meta tkun waħda minn numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn wieħed minnhom jkun domiċiljat, basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati;

2) bħala parti terza f'azzjoni dwar mandat jew garanzija jew f'xi proċedimenti oħra dwar terzi partijiet, fil-qorti li tkun fil-pussess tal-proċedimenti oriġinali, sakemm dawn [ma kinux] ġew mibdija biss bl-objjettiv uniku li [t]itneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qorti kompetenti li tisma' l-każ [tagħha]."

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8 Kumpannija li magħha kien jikkollabora Olle Arnoldsson implementat, sa mill-1996, proġetti ta' żvilupp ta' ċentri kummerċjali magħrufa bħala *"factory outlets"* f'siti differenti madwar l-Ewropa. Freeport akkwistat mingħand din il-kumpannija diversi minn dawn il-proġetti, b'mod partikolari, dak li jinsab f' Kungsbacka (l-Iżvezja), li kien l-iktar proġett avvanzat fosthom.

9 Fil-11 ta' Awwissu 1999, matul laqgħa bejn Olle Arnoldsson u d-direttur ġenerali ta' Freeport, ġie konkluż ftehim verbali bejniethom li Olle Arnoldsson kellu personalment jingħata kummissjoni għat-tlestija tal-proġett ta' GBP 500 000 meta jinfetaħ l-istabbiliment ta' Kungsbacka.

10 Permezz ta' ftehim bil-miktub tas-27 ta' Awwissu 1999, Freeport ikkonfermat l-imsemmi ftehim verbali, filwaqt li żiedet tliet kundizzjonijiet għall-ħlas tal-kummissjoni. Olle Arnoldsson aċċetta dawn il-kundizzjonijiet, li waħda minnhom kienet tipprovdi li l-ħlas li kellu jirċievi kien se jsir mill-kumpannija li tkun il-proprjetarja tas-sit ta' Kungsbacka. Wara negozjati ġodda, Freeport bagħtet lil Olle Arnoldsson konferma bil-miktub, datata t-13 ta' Settembru 1999, tal-ftehim li kienet ikkonkludiet miegħu (iktar 'il quddiem il-"ftehim").

11 L-istabbiliment Kungsbacka, li kien inawgurat fil-15 ta' Novembru 2001, huwa l-proprjetà tal-kumpannija stabbilita taħt id-dritt Żvediż Freeport Leisure (Sweden) AB (iktar 'il quddiem "Freeport AB"), li hija responsabbli għall-ġestjoni tiegħu. Din il-kumpannija hija l-proprjetà ta' kumpannija sussidjarja ta' Freeport, li tikkontrolla 100 % lil Freeport AB.

12 Olle Arnoldsson talab il-ħlas tal-kummissjoni kemm lil Freeport AB kif ukoll lil Freeport, li magħha kien ftiehem dwar il-ħlas. Freeport AB ċaħdet it-talba peress li hija ma kinitx parti mill-ftehim u peress li, barra minn hekk, hija ma kinitx għadha stabbilita meta ġie konkluż il-ftehim.

13 Peress li t-talba tiegħu baqgħet ma ntlaqgħatx, Olle Arnoldsson, fil-5 ta' Frar 2003, adixxa lill-Göteborgs tingsrätt sabiex dawn iż-żewġ kumpanniji jiġu kkundannati *in solidum* sabiex iħallsuh is-somma ta' GBP 500 000, jew l-ekwivalenti tagħha fi flus Żvediżi, bl-interessi.

14 Sabiex jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti fir-rigward ta' Freeport, Olle Arnoldsson ibbaża t-talba tiegħu fuq l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001.

15 Freeport qajmet eċċezzjoni bbażata fuq il-fatt li hija ma kinitx stabbilita fl-Iżvezja u li ma kienx hemm konnessjoni biżżejjed mill-qrib bejn it-talbiet sabiex tkun ġustifikata l-ġurisdizzjoni tal-Göteborgs tingsrätt fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija. F'dan ir-rigward, Freeport sostniet li l-azzjoni mressqa kontriha kellha bażi kuntrattwali, filwaqt li l-azzjoni kontra Freeport AB kellha bażi delittwali jew kważi delittwali, minħabba n-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn Olle Arnoldsson u bejn din il-kumpannija. Din id-differenza ta' bażijiet ġuridiċi ta' l-azzjonijiet imressqa kontra Freeport AB u Freeport hija tali li ma tippermettix l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, peress li ma tista tiġi pprovata ebda konnessjoni bejn iż-żewġ talbiet.

16 L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ġiet miċħuda mill-Göteborgs tingsrätt.

17 Freeport ressqet appell quddiem il-Hovrätten för Västra Sverige li ċaħdet ir-rikors tagħha.

18 Għalhekk, din il-kumpannija adixxiet lill-Högsta domstolen, li tindika, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Kalfelis (189/87, Ġabra p. 5565), li qorti kompetenti skond l-Artikolu 5(3) tal-

Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (ĠU L 299, 1972, p. 32, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell") sabiex tieħu konjizzjoni ta' l-element ta' talba li għandu fuq bażi delittwali mhijiex kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' elementi oħra fl-istess talba li għandhom bażi mhux delittwali. Skond il-qorti tar-rinviju, minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 50 tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1998, Réunion européenne *et* (C-51/97, Ġabra p. I-6511), li żewġ talbiet fl-istess azzjoni għal kumpens ta' danni, diretti kontra konvenuti differenti u bbażati waħda fuq ir-responsabbiltà kuntrattwali u l-oħra fuq responsabbiltà delittwali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li għandhom konnessjoni bejniethom. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tixtieq tivverifika jekk it-talba fir-rigward ta' Freeport AB hijiex ta' natura kuntrattwali, minkejja li l-impenn min-naħa tagħha ma kienx aċċettat mir-rappreżentant legali tagħha jew minn rappreżentant awtorizzat minnha.

19 Barra minn hekk, dik il-qorti ssostni wkoll li, fil-punti 8 u 9 tas-sentenza Kalfelis, iċċitata aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li tidderoga mill-prinċipju tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat tad-domiċilju tal-konvenut, għandha tiġi interpretata b'tali mod li ma tistax tippreġudika l-eżistenza stess tal-prinċipju, b'mod partikolari billi tippermetti lir-rikorrent iressaq talba kontra numru ta' konvenuti bl-iskop waħdieni li jneħħi lil wieħed minn dawn il-konvenuti mill-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat fejn huwa domiċiljat. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrileva li filwaqt li l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi espliċitament għal tali sitwazzjoni, dan mhuwiex il-każ fir-rigward ta' l-Artikolu 6(1). Hija tistaqsi kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 6(1) f'dan ir-rigward.

20 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-probabbiltà li tintlaqa' azzjoni mressqa kontra l-konvenut quddiem il-qrati ta' l-Istat fejn huwa domiċiljat għandhiex tiġi evalwata b'mod differenti meta jiġi eżaminat ir-riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001. Quddiem dik il-qorti, Freeport sostniet li ma kien hemm ebda riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli. Skondha, fid-dritt Żvediż, ftehim ma jistax jobbliga lil terzi, f'dan

il-każ Freeport AB, sabiex jagħmlu ħlas. Abbażi ta' dan Freeport ikkonkludiet li l-azzjoni mressqa kontra Freeport AB kienet nieqsa minn bażi legali u kienet intiża biss sabiex tressaq lil Freeport quddiem qorti Żvediża.

21 Huwa f'dan il-kuntest li l-Högsta domstolen iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Azzjoni bbażata fuq obbligu ta' ħlas li allegatament għandha kumpannija b'kapital azzjonarju u li jirriżulta minn impenn għandha tiġi kkunsidrata bħala talba ta' natura kuntrattwali għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, anke jekk il-persuna li daħħlet għall-impenn, f'dak iż-żmien partikolari, la kienet ir-rappreżentanta legali ta' tali kumpannija u lanqas kienet awtorizzata minnha?

2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda: barra l-kundizzjonijiet espliċitament previsti fl-Artikolu 6(1), sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni huwa meħtieġ li l-azzjoni kontra l-konvenut quddiem il-qrati ta' l-Istat fejn huwa domiċiljat ma kinitx imressqa bl-iskop waħdieni li titressaq talba kontra konvenut ieħor quddiem qorti differenti minn dik li normalment kien ikollha ġurisdizzjoni?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: il-probabbiltà li tintlaqa' l-azzjoni mressqa kontra l-konvenut quddiem il-qrati ta' l-Istat fejn huwa domiċiljat għandha tiġi evalwata b'mod differenti meta jiġi eżaminat ir-riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli previst fl-Artikolu 6(1)?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

22 Permezz ta' l-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk azzjoni bbażata fuq obbligu ta' ħlas li allegatament għandha kumpannija b'kapital azzjonarju u li jirriżulta minn impenn hijiex ta' natura kuntrattwali għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, anke jekk il-persuna li daħħlet għall-impenn, la kienet ir-rappreżentanta legali ta' tali kumpannija u lanqas kienet awtorizzata minnha.

Osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23 Kemm il-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ifakkru li l-kunċett ta' affari kuntrattwali ma jistax jinftiehem fis-sens li jinkludi sitwazzjoni fejn ma jeżisti ebda impenn li huwa assunt liberament minn parti lejn parti oħra. Fir-rigward ta' dan il-punt, huma jirreferu għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li d-dispożizzjonijiet tagħha huma essenzjalment identiċi għal dawk tar-Regolament Nru 44/2001 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1992, Handte, C-26/91, Ġabra p. I-3967, punt 15; Réunion européenne *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17, u tas-17 ta' Settembru 2002, Tacconi, C-334/00, Ġabra p. I-7357, punt 23).

24 Abbażi ta' din ir-referenza, Freeport tikkonkludi li hemm nuqqas ta' relazzjonijiet kuntrattwali bejn Freeport AB u Olle Arnoldsson, peress li Freeport AB ma daħlitx f'impenn ma' dan ta' l-aħħar. Hija ssostni li ebda rappreżentant legali jew

rappreżentant awtorizzat minn Freeport AB ma daħal f'impenn mal-persuna msemmija u li, barra minn hekk, din il-kumpannija ma rratifikatx il-ftehim għall-ħlas tas-somma dovuta.

25 Olle Arnoldsson jammetti li, fiż-żmien meta ġie konkluż il-ftehim, ebda kumpannija ma kienet il-proprjetarja tal-"*factory outlet*" ta' Kungsbacka li kien għadhu ma nfetaħx. Huwa jippreċiża li, f'dak iż-żmien, ma setax ikun hemm rappreżentant legali jew rappreżentant awtorizzat f'pożizzjoni li jirrappreżenta lil Freeport AB. Madankollu, huwa jsostni li, minn naħa, Freeport ikkonkludiet il-ftehim f'isimha kif ukoll f'isem il-kumpannija proprjetarja futura ta' l-imsemmi stabbiliment u, min-naħa l-oħra, bis-saħħa ta' tali ftehim, Freeport ordnat lill-kumpannija futura, jiġifieri lil Freeport AB, sabiex tħallas lil Olle Arnoldsson is-somma dovuta. Minbarra dan, meta ngħaqdet mal-grupp Freeport, Freeport AB aċċettat l-obbligu ta' ħlas impost fuqha.

26 Għaldaqstant, Olle Arnoldsson jikkunsidra li l-obbligu li kien is-suġġett tal-ftehim, liberament aċċettat minn Freeport AB, ċertament mhuwiex ta' natura kuntrattwali imma madankollu jagħmel parti minn relazzjoni kuntrattwali. Għalhekk, huwa jikkonkludi li, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, l-azzjoni mressqa kemm kontra Freeport AB kif ukoll kontra Freeport hija azzjoni għal responsabbiltà kuntrattwali.

27 Il-Kummissjoni tikkunsidra li hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina r-relazzjoni ġuridika bejn Freeport AB u Olle Arnoldsson sabiex tiddetermina jekk din ir-relazzjoni tistax tiġi kkunsidrata bħala waħda kuntrattwali. Dik il-qorti tista' tibbaża ruħha fuq iċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' dritt in kwistjoni fil-kawża prinċipali sabiex tistabbilixxi jekk, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, Freeport kinitx ir-rappreżentanta legali jew ir-rappreżentanta awtorizzata minn Freeport AB.

28 Madankollu, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ewwel domanda magħmula mhijiex rilevanti sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, b'tali mod li risposta għal din id-domanda tkun superfluwa.

29 Fil-fatt, skond il-Kummissjoni, l-imsemmija domanda hija intiża sabiex tistaqsi jekk l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jistax jiġi interpretat fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punt 50 tas-sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar 'il fuq. Issa, il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża prinċipali preżenti huwa totalment differenti minn dak f'dik is-sentenza. Fil-fatt, kuntrarjament għal din ta' l-aħħar fejn l-azzjoni fil-kawża prinċipali kienet tressqet quddiem qorti ta' Stat Membru fejn ebda wieħed mill-konvenuti ma kien domiċiljat, il-kawża prinċipali timplika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, peress li Olle Arnoldsson ressaq l-azzjoni quddiem qorti Żvediża li fil-ġurisdizzjoni tagħha hija stabbilita l-kumpannija Freeport AB. Skond il-Kummissjoni, il-punt 50 tas-sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar 'il fuq, jikkostitwixxi biss referenza għar-regola ġenerali li l-eċċezzjoni għall-prinċipju tal-ġurisdizzjoni abbażi tad-domiċilju tal-konvenut għandha tiġi interpretata b'mod ristrett.

30 Fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis neċessarju li tirrispondi għall-ewwel domanda, il-Kummissjoni ssostni li d-differenza bejn talba li għandha bażi kuntrattwali u talba li għandha bażi delittwali ma teskludix l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, imma tista' tittieħed in kunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni li tirriżulta mill-eżistenza ta' livell ta' konnessjoni bejn it-talbiet li tiġġustifika li dawn jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġi evitat li jingħataw deċiżjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jiġu deċiżi separatament.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

31 Skond ġurisprudenza stabblita, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali stabbilita mill-Artikolu 234 KE, tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi dwar il-kawża quddiemha. Fid-dawl ta' dan, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha, jekk ikun il-każ, tirriformula d-domandi li jkunu tressqu quddiemha (sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, FCE Bank, C-210/04, Ġabra p. I-2803, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk azzjoni, bħal dik imressqa minn Olle Arnoldsson kontra Freeport AB, hijiex ta' natura kuntrattwali, filwaqt li tieħu bħala premessa li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 japplika biss fil-każ ta' bażijiet ġuridiċi identiċi ta' l-azzjonijiet imressqa kontra d-diversi konvenuti quddiem il-qorti ta' fejn huwa domiċiljat wieħed minnhom.

33 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk din il-premessa hijiex konformi mar-Regolament Nru 44/2001 billi jiġi analizzat, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament japplikax fil-każ fejn l-azzjonijiet imressqa kontra numru ta' konvenuti quddiem il-qrati tad-domiċilju ta' wieħed minnhom ikollhom bażijiet ġuridiċi differenti.

34 F'dan ir-rigward, il-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 44/2001, jiġifieri l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu, tikkostitwixxi l-prinċipju ġenerali u huwa biss b'deroga għal dan il-prinċipju li l-imsemmi Regolament jipprovdi regoli ta' ġurisidizzjoni speċjali fil-każijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, fejn il-konvenut jista' jew għandu, skond il-każ, jiġi mfittex quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Reisch Montage, C-103/05, Ġabra p. I-6827, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Barra minn hekk, skond ġurisprudenza stabbilita l-imsemmija regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali għandhom jiġu interpretati b'mod strett u ma jippermettux interpretazzjoni li tmur lil hinn mis-sitwazzjonijiet previsti b'mod espliċitu mir-Regolament Nru 44/2001 (sentenza Reisch Montage, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ħdax-il premessa tar-Regolament Nru 44/2001, ir-regoli tal-ġurisdizzjoni għandhom ikunu jistgħu jiġu mbassra minn qabel u għandhom ikunu stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u din il-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli ħlief f'sitwazzjonijiet definiti sewwa fejn is-suġġett tal-kwistjoni jew l-awtonomija jiġġustifikaw kriterju ieħor sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni.

37 Għal dak li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, din id-dispożizzjoni tipprovdi li konvenut jista' jitħarrek, f'każ li jkun hemm numru ta' konvenuti, fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat wieħed minnhom, bil-kundizzjoni li "t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta' ġudizzji irrikkonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati".

38 Mill-kliem ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 ma jirriżultax li l-fatt li l-bażijiet ġuridiċi tat-talbiet imressqa kontra numru ta' konvenuti jkunu identiċi huwa wieħed mill-kundizzjonijiet previsti għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

39 Kif diġà ġie deċiż fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, għandu jiġi vverifikat jekk teżistix konnessjoni bejn it-talbiet differenti, magħmula minn rikorrent wieħed kontra numru ta' konvenuti, b'tali mod li jkun hemm interess li dawn jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jiġu deċiżi separatament (ara s-sentenza Kalfelis, iċċitata iktar 'il fuq, punt 13).

40 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiża li, sabiex deċiżjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala kontradittorji, mhuwiex biżżejjed li tkun teżisti differenza fil-mod kif tiġi konkluża l-kawża iżda huwa meħtieġ ukoll li din id-differenza tkun irriżultat mill-istess sitwazzjoni ta' fatt u ta' dritt (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Roche Nederland *et*, C-539/03, Ġabra p. I-6535, punt 26).

41 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa l-eżistenza ta' konnessjoni bejn id-diversi talbiet imressqa quddiemha, jiġifieri tar-riskju li jkun hemm deċiżjonijiet irrikonċiljabbli jekk it-talbiet jiġu deċiżi separatament u, f'dan ir-rigward, li għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-elementi kollha tal-kawża, li jistgħu, jekk ikun il-każ u mingħajr ma dan ikun neċessarju għall-evalwazzjoni, iwassluha sabiex tieħu in kunsiderazzjoni l-bażijiet ġuridiċi ta' l-azzjonijiet imressqa quddiem din il-qorti.

42 Din l-interpretazzjoni ma tistax titqiegħed fid-dubju mill-qari tal-punt 50 tas-sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar 'il fuq.

43 Kif enfasizzat ġustament il-Kummissjoni, l-imsemmija sentenza għandha kuntest fattwali u ġuridiku differenti minn dak tal-kawża prinċipali. Fl-ewwel lok, kienet l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) u (3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell li kienet in kwistjoni f'dik is-sentenza u mhux dik ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-istess Konvenzjoni.

44 Fit-tieni lok, l-imsemmija sentenza, b'differenza mill-kawża preżenti, kienet tikkonċerna l-preżenza simultanja ta' ġurisdizzjoni speċjali bbażata fuq l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell sabiex qorti tieħu konjizzjoni ta' azzjoni ta' natura delittwali u ta' ġurisdizzjoni speċjali oħra sabiex qorti tieħu konjizzjoni ta' azzjoni ta'

natura kuntrattwali, minħabba li kien hemm konnessjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet. Fi kliem ieħor, is-sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar 'il fuq, tikkonċerna azzjoni mressqa quddiem qorti fi Stat Membru fejn ebda wieħed mill-konvenuti fil-kawża prinċipali ma kien domiċiljat, filwaqt li, fil-kawża prinċipali preżenti, l-azzjoni ġiet imressqa, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, quddiem il-qorti tal-post fejn hija stabbilita waħda mill-konvenuti fil-kawża prinċipali.

45 Huwa fil-kuntest ta' l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi li żewġ talbiet ta' l-istess azzjoni, imressqa kontra konvenuti differenti u bbażati waħda fuq responsabbiltà kuntrattwali u l-oħra fuq responsabbiltà delittwali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li għandhom konnessjoni bejniethom (sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 50).

46 Jekk jiġi aċċettat li ġurisdizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, li hija ġurisdizzjoni speċjali limitata għal sitwazzjonijiet li huma elenkati b'mod eżawrjenti, tista' sservi bħala bażi sabiex qorti tirrikonoxxi azzjonijiet oħra, dan jista' jippreġudika l-ispirtu tar-Regolament imsemmi. Għall-kuntrarju, meta l-ġurisdizzjoni tal-qorti hija bbażata fuq l-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali, l-applikazzjoni eventwali ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-istess Regolament issir possibbli jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni u li hemm referenza għalihom fil-punti 39 u 40 tas-sentenza preżenti, mingħajr ma jkun neċessarju li l-bażijiet ġuridiċi ta' l-azzjonijiet imressqa jkunu identiċi.

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li talbiet imressqa kontra konvenuti differenti jkollhom bażijiet ġuridiċi differenti ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

*Fuq it-tieni domanda*

48 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 teħtieġx li l-azzjoni ma tkunx tressqet kontra numru ta' konvenuti bl-iskop waħdieni li wieħed minnhom jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat Membru fejn huwa domiċiljat.

Osservazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

49 Olle Arnoldsson u l-Kummissjoni huma tal-fehma li, b'differenza minn dik prevista fl-Artikolu 6(2), il-ġurisdizzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 mhijiex suġġetta għall-kundizzjoni li l-azzjoni m'għandhiex tkun tressqet bl-iskop waħdieni li konvenut jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qorti fejn huwa domiċiljat. Fil-fatt, huma jikkunsidraw, essenzjalment, li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 dwar l-eżistenza ta' konnessjoni bejn it-talbiet hija suffiċjentement stretta sabiex tevita r-riskju li r-regoli tal-ġurisdizzjoni ma jiġux irrispettati.

50 Min-naħa l-oħra, Freeport hija tal-fehma li dan ir-riskju jiġġustifika li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 tkun suġġetta għall-istess kundizzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 6(2). Minn naħa, din l-aħħar kundizzjoni li tipprojbixxi l-abbuż tar-regoli tal-ġurisdizzjoni previsti mill-istess Regolament hija prinċipju ġenerali li għandu jiġi osservat ukoll fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament imsemmi. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni hija ġġustifikata, b'mod partikolari, mill-prinċipju taċ-ċertezza legali u mill-eżiġenza li ma jkunx ippreġudikat il-prinċipju li jipprovdi li konvenut jista' jitħarrek biss quddiem il-qorti ta' fejn huwa domiċiljat.

Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

51 Kif irrilevat ġustament il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, kuntrarjament għall-Artikolu 6(2), ma jipprevedix espliċitament is-sitwazzjoni fejn l-azzjoni tkun tressqet biss sabiex il-konvenut jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qorti fejn huwa domiċiljat. Fuq dan il-punt l-Kummissjoni indikat li, meta kienet qiegħda tiġi emendata l-Konvenzjoni ta' Brussell, l-Istati Membri rrifjutaw li fl-Artikolu 6(1) jinkludu sitwazzjoni bħal dik prevista fl-Artikolu 6(2), billi kienu tal-fehma li l-kundizzjoni ġenerali ta' l-eżistenza ta' konnessjoni kienet iżjed oġġettiva.

52 Għandu jiġi mfakkar li, wara li evokat is-sitwazzjoni fejn rikorrent jista' jressaq talba kontra numru ta' konvenuti bl-iskop waħdieni li wieħed minnhom jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qrati fejn huwa domiċiljat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Kalfelis, iċċitata aktar 'il fuq, li huwa neċessarju, sabiex tiġi eskluża din il-possibbiltà, li jkun hemm konnessjoni bejn it-talbiet magħmula kontra kull wieħed mill-konvenuti. Hija ddeċidiet li r-regola prevista fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell tapplika meta t-talbiet imressqa kontra d-diversi konvenuti jkunu konnessi sa mill-introduzzjoni tagħhom, jiġifieri meta jkun hemm interess li jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġi evitatat li jingħataw deċiżjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk dawn jiġu deċiżi separatament.

53 Għalhekk, dan ir-rekwiżit ta' konnessjoni ma jirriżultax mill-kliem ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, imma kienet il-Qorti tal-Ġustizzja li ħarġet dan ir-rekwiżit mit-test ta' din id-dispożizzjoni sabiex tevita li l-eċċezzjoni għall-prinċipju tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat fejn ikun iddomiċiljat il-konvenut, prevista f'din id-dispożizzjoni, ma twassalx sabiex tippreġudika l-eżistenza stess ta' dan il-prinċipju (sentenza Kalfelis, iċċitata aktar 'il fuq, punt 8). Dan ir-rekwiżit, sussegwentement ikkonfermat bis-sentenza Réunion européenne *et*, iċċitata aktar

'il fuq (punt 48), kien aċċettat b'mod espress fil-formulazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li ħa post il-Konvenzjoni ta' Brussell (sentenza Roche Nederland *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21).

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 japplika meta t-talbiet magħmula kontra konvenuti differenti jkunu konnessi sa mill-introduzzjoni tagħhom, jiġifieri meta jkun hemm interess li jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jiġu deċiżi separatament, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi stabbilit b'mod ċar li t-talbiet ma ġewx imressqa bl-iskop waħdieni li wieħed mill-konvenuti jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat Membru fejn huwa domiċiljat.

*Fuq it-tielet domanda*

55 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-probabbiltà li tintlaqa' azzjoni mressqa kontra l-konvenut quddiem qorti ta' l-Istat fejn huwa domiċiljat hijiex rilevanti meta jiġi eżaminat ir-riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001.

56 Madankollu, mill-ispjegazzjoni tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li din id-domanda ġiet magħmula abbażi tal-premessa li, sabiex ikun hemm konnessjoni bejn diversi talbiet, dawn għandu jkollhom l-istess bażi ġuridika. Fil-fatt, huwa f'dan il-kuntest li Freeport sostniet li ma kien hemm ebda riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli peress li, fid-dritt Żvediż, ftehim ma jistax jobbliga lil terzi sabiex jagħmlu ħlas u li, għaldaqstant, l-azzjoni mressqa kontra Freeport AB m'għandhiex bażi legali.

57 Issa, bħar-risposta li ngħatat għall-ewwel domanda, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jista' japplika f'sitwazzjoni fejn l-azzjonijiet imressqa kontra numru ta' konvenuti jkollhom bażijiet ġuridiċi differenti.

58 Fid-dawl ta' din ir-risposta, mhemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

## Fuq l-ispejjeż

59 Peress illi l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li għandha l-kompetenza li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li talbiet imressqa kontra konvenuti differenti jkollhom bażijiet ġuridiċi differenti ma jippreklud ix l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.**

2) **L-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 44/2001 japplika meta t-talbiet magħmula kontra konvenuti differenti jkunu konnessi sa mill-introduzzjoni tagħhom, jiġifieri meta jkun hemm interess li jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jiġu deċiżi separatament, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi stabbilit b'mod ċar li t-talbiet ma ġewx imressqa bl-iskop waħdieni li wieħed mill-konvenuti jitneħħa mill-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' l-Istat Membru fejn huwa domiċiljat.**

Firem